MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 966/2005

**United Macaroni Manufacturing p.l.c. bin-Numru tar-Registrazzjoni C-1428**

**vs**

**Brian Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta` attrici li bih, wara li ppremettiet illi hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta’ tmint elef tlett mija wiehed u disghin Liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm8,391.68), bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-valur ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut mis-socjeta` attrici sal-25 ta’ Gunju, 2003, fuq inkarigu ta’ l-istess konvenut.

Illi llum l-imsemmi ammont ta’ tmint elef tlett mija wiehed u disghin Liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm8,391.68) dovut mill-konvenut lis-socjeta` attrici huwa kreditu cert, likwidu u dovut tas-socjeta` attrici fil-konfront tal-konvenut u fil-fehma ta’ l-istess socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh billi fil-fehma ta’ l-istess socjeta` attrici l-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas ta’ l-imsemmi ammont maghmula kontra tieghu mis-socjeta` attrici.

Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hals, inkluza ittra ufficjali datata 21 t’April, 2005, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ma hallasx dak minnu dovut lis-socjeta` attrici.

Illi jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi ma ghandhiex din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ tmint elef tlett mija wiehed u disghin Liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm8,391.68), bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-valur ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut mis-socjeta` attrici sal-25 ta’ Gunju, 2003, fuq inkarigu ta’ l-istess konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ ittra ufficjali datata 21 t’April, 2005 u tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ l-Att ta’ Citazzjoni, u bl-imghax legali dekoribbli mill-21 t’Ottubru, 2004 sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra l-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni kontra taghha tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------